MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 1034/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Martin Sammut)**
**vs**
**Joswil Galea**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joswil Galea** ta' 27 sena, bin Joseph u Margaret nee' Said, imwieled San Giljan fit-13 ta' Settembru, 1978, residenti Flat 10, Blokk G, Triq il-Lellux, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 512978(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta' Novembru, 2005 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghodu [06.00hrs] u d-disgha neqsin kwart ta' filghodu [08.45hrs] gewwa Triq San Gorg, San Giljan u fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajjar fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Fiona Bickle;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli huwa recediv b'sentenza tal-Qorti u kif ukoll talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor, liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jinbiddlu;

Rat in-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali li permezz taghha baghat lill-impuat sabiex ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 214 sa 218, 20, 338 (dd), 383, 23, 533, 49, 50, 31, u 17 (c) tal-Kodici Kriminali;

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara rapport li sar lill-Pulizija minn Fiona Bickle, l-ex tfajla tieghu, illi kmienu filghodu fit-12 ta' Novembru, 2005 kienet aggredita mill-istess imputat wara tilwima li kellhom fi stabbiliment ta' zfin f'Paceville. Bickle kienet fil-presenza ta' ragel iehor u meta l-imputat mar fuqu, inqalghet tilwima u tnejn inhargu mill-istabbiliment bil-forza. Meta Bickle harget barra, lemhet lill-imputat. Dan beda jigri warajha u din tghid illi l-imputat imbuttaha u waqqaghha u kawza tal-istess sofriet griehi gravi f'wiccha.

Kontra dak li qalet il-kwerelanta, l-imputat xehed, oltre li rrilaxxja stqarrija dak il-hin, illi huwa kien l-ewwel wiehed minnhom fl-istabiliment. It-tnejn kienu ftehmu illi ma

jmorrux fl-istess stabbilimenti izda minkejja dan hija ratu u ghaddiet darbtejn minn quddiemu. Persuna habiba ta' Bickle gibdet lill-imputat hdejn il-kwerelanta bl-iskop li dawn jergghu lura flimkien izda l-imputat irrifjuta. Bickle bdiet tisfen ma haddiehor u bdiet tinkieh bil-mossi taghha u wara li avvicinaha ikkonferma li kellem lil dak li kien qed jisfen maghha, inqala l-inkwiet bejn iz-zewgt irgiel u dawn intefghu 'l barra. L-imputat baqa' jistenna lill-shabu ghax ma kellux biex jmur id-dar izda ra lill-kwerelanta hierga mill-istabiliment ma' ragel iehor. Dak il-hin hassu irrabjat u gera warajha izda malli kien ser jaqbadha minn darha waqghet u wegghet. L-imputat cahad li imbuttaha u qal li l-intenzjoni kienet li jaqbadha mill-flokk

Dwar din il-parti tal-incident, l-kwerelanta tghid illi malli l-imputat lahaq maghha huwa imbuttaha mal-art. Hija kienet ilha fl-istabbiliment minn xi l-erba u nofs ta' filghodu sat-tmienja ta' filghodu u sa dak il-hin kienet kkonsmat aktar minn ghaxar "drink"alkholiku.

Xhud tal-prosekuzzjoni li jaf lill-imputat xehed illi dakinhar hareg mill-istabilimnet u ra lill-imputat irrabjat. Offrielu kafe' biex jipprova jikkalmah, dam xi zewg minuti hdejh u telaq. Habiba taz-zewg partijiet qalet illi meta harget mill-istabiliment ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu u staqsiet lill-imputat x'kien qed jaghmel hemm u wiegibha hekk: "hallini int ta, ghax nifqalha wiccha lil dik". Din ix-xhud hasbet li kienet hi li geldithom izda l-imputat ma semma lil hadd b'ismu meta ghamel din id-dikjarazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel akkuza, ma hemm l-ebda dubju illi l-imputat gera wara l-kwerelanta meta harget mill-istabiliment ta' zfin filwaqt illi din kienet taht l-influenza tax-xorb u kienet liebsa zarbun bit-takkuna gholja. L-imputat qal li hu ried jaqbadha mill-flokk izda l-kwerelanta tghid illi dan imbuttaha. Mill-fatti kif esposti jirrizulta illi l-imputat ghamel kuntatt fiziku mal-kwerelanta. Ir-raguni ghaliex gera warajha jibqa' jafha hu biss izda l-fatt illi hu hassu provokat semplicement ghaliex bdiet tinkieh bl-attegjament taghha ma' ragel iehor; il-fatt li hassu irrabjat

u qaghad jistenna wara l-bieb tal-istabiliment minkejja li tkecca ‘l barra; l-fatt illi iddikjara li kien ser jifqalha wiccha u l-fatt li gera warajha jammontaw ghall-intenzjoni generika li l-prosekuzzjoni jehtieg li tipprova bhala wiehed mill-elementi tar-reat kif ravvizat fl-artikolu 214 tal-Kap 9. Fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta’ Marzu, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, il-Qorti qalet illi:

Fil-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta’ offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta’ l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha ta’ l-ghemil tieghu. Dawk il-konsegwenzi jistghu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220).

Illi bir-rabja li kellu l-imputat ghazel illi jaghmel xi haga lill-kwerelanta. Huwa hassu provokat izda din il-Qorti ma tara xejn fl-agir tal-kwerelanta li setghet tipprovoka lill-imputat biex jibbenefika mill-iskuzanti kif ravvizati fil-Kap 9. L-inkejja tal-kwerelanta nisslet rabja kbira fl-imputat li kompliet tikber meta tkecca mill-istabiliment tant li hadd ma rnexxielu jikkalmah. Meta huwa gera wara l-kwerelanta f’dik il-kundizzjoni kif fuq riferit u wasal biex jaqbadha minn darha huwa ghazel illi jerfa kull responsabilita’ ta’ dak kollu li seta jkun prevedibbli f’dawk ic-cirkostanzi. Ghalhekk oltre l-att materjali li jirrizulta pruvat, jirrizulta ukoll l-element intenzjonali ta’ dan ir-reat skond l-artikolu 214 tal-Kap 9;

Illi kawza tal-waqgha taghha, l-kwerelanta sofriet sfregju gravi u permanenti ai termini tal-artikolu 216 (1) tal-Kap 9 kif jirrizulta mill-atti inkluz ic-certifikat mediku esebit u ghalhekk l-ewwel akkuza tirrizulta pruvata fl-intier taghha;

L-istess jinghad dwar it-tieni akkuza stante li dan kollu sehh fil-pubbliku u b’hekk kien disturbat l-ordni pubbiku skond l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9.

Dwar l-ahhar akkuza tar-recediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll dwar il-ksur ta' kondizzjoni imposta b'sentenza tal-Qorti, l-prosekuzzjoni esebiet sentenzi relattivi li juru illi l-imputat kien ikkundannat fl-4 ta' Marzu, 2003 mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll liberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn mid-29 ta' Jannar 2004 u dan talli kien fil-pussess tar-raza tal-cannabis, d-droga eroina u dik kokaina;

Ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-dak ravvizat fl-artikoli 217, 218 u 20 tal-Kap stante li ma jirrizultawx.

Wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 (1) (b), 338 (dd), 383, , 49, 50, 31, u 17 (c) tal-Kodici Kriminali,;

Wara li rat il-fedeina penali refrattarja tal-imputat;

Tiddeciedi billi dwar l-ewwel akkuza, zzid l-piena bi grad u tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum

Dwar it-tieni akkuza, tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' Lm25;

Dwar it-tielet akkuza bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 446 kwantu ghal-ksur ta' kondizzjoni imposta mill-Qorti fis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2004, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum oltre hlas ta' multa ta' Lm200.

Inoltre l-Qorti tobbliga lill-imputat sabiex ma jimmolestax u/jew ma

jdejjaqx lill-Fiona Bickle fuq penali ta' Lm100 multa fin-nuqqas ghal-zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------